**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 18/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**Vs**

**Anna Maria Busuttil**

Illum, 06 ta' Jannar 2021

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Anna Maria Busuttil, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 75458(M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-gzejjer, f'Jannar 2007, u fis-snin ta' qabel:

1. b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ordnat lil Melvin Zammit, Anthony Mark Micallef u Mario Demanuele, mpjegati ta' Motor Tests Services Ltd., sabiex ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, nkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti

jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe', certifikati tal-VRT foloz;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ordnat lil Melvin Zammit, Anthony Mark Micallef u Mario Demanuele, mpjegati ta' Motor Tests Services Ltd., sabiex, minhabba l-kariga jew l-impjieg taghhom, kienu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe', certifikati tal-VRT foloz;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ordnat lil Melvin Zammit, Anthony Mark Micallef u Mario Demanuele, mpjegati ta' Motor Tests Services Ltd., sabiex jaghmlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe', certifikati tal-VRT foloz;

4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ordnat lil Melvin Zammit, Anthony Mark Micallef u Mario Demanuele, mpjegati ta' Motor Tests Services Ltd., sabiex, bil-hsieb li jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u cioe', certifikati tal-VRT foloz;

5. U aktar talli b'hekk kisret il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet illiberata taht kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien xahar, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta' Gunju, 2006.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar, 2019, fejn il-Qorti sabet lill-imputata mhux hatja tal-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u lliberatha minnhom u wara li rat l-Artikoli 18, 42(a), 43 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tar-raba' mputazzjoni dedotta kontriha, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-istess Kapitolu 9, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti kkundannatha ghal piena karcerarja ta' sentejn prigunerija, li giet sospiza ghal perjodu ta' erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. A tenur tal-Artikolu 28G

tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza, l-Qorti qieghdet lill-hatja taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn, bil-kundizzjonijiet stretti li gew mposti fuqha skond l-Ordni ta' Supervizjoni annessa mas-sentenza, u li tifforma parti ntegrali mill-istess. Inoltre, a tenur tal-Artikolu 28G(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qieghdet lill-hatja taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita', kif imfisser fl-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi taghmel xoghol bla hlas ghal tlett mitt siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra ndikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti ntegrali ta' din is-sentenza. Inoltre, in vista tal-fatt li l-Qorti sabet lill-imputata hatja tar-raba' mputazzjoni, u cioe', li kisret il-kundizzjonijiet tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata tal-5 ta' Gunju, 2006, maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ttrattat mal-hatja ghall-imputazzjoni li dwarha hija kienet tpoggiet taht tali ordni, daqs li kieku kienet ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem il-Qorti ghal dik l-imputazzjoni, u filwaqt li ghal kull buon fini kkonfermat l-htija fir-rigward tal-imsemmija mputazzjoni, rrevokat l-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata maghmula bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lill-hatja ghal piena ta' ammenda ta' hamsin Ewro (€50.00).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anna Maria Busuttil, pprezentat fil-25 ta' Jannar, 2019, fejn talbet lil din l-Qorti tibdel u tvarja s-sentenza appellata billi:

a. Filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-esponenti mhux ħatja tal-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u lliberatha minnhom;
b. Tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-esponenti hatja tar-raba' mputazzjoni u minflok, tiddikjaraha mhux hatja tar-raba' mputazzjoni u tilliberaha minn kull htija u piena;
c. Tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-esponenti hatja tal-hames imputazzjoni, ossia talli kisret il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet liberata taht kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien xahar mid-data tas-sentenza li nghatat fil-5 ta' Gunju, 2006, u minflok tiddikjaraha mhux hatja tal-istess imputazzjoni;
d. Rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, li tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi filwaqt li tikkonferma l-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tinfliggi piena iktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat l-aggravji mressqa mill-appellanti.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha.

Rat l-fedina penali tal-appellanti ppreżentata mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appell ntentat mill-appellanti huwa limitat ghas-sejbien ta' ħtija ghar-raba' imputazzjoni billi mill-ewwel tlett imputazzjonijiet hija ġiet illiberata. L-ilment ewlieni tagħha jistrieħ fuq l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tagħha l-qorti erronjament tat affidament lil dak mistqarr mill-uniċi tlett xhieda li ħolqu ness bejnha u l-fatti inkriminatorji. Dan ghaliex gjaldarba dawn ghandhom jitqiesu bhala komplici fil-kummissjoni tar-reat lilha addebitat u kienu jikkostitwixxu l-uniku prova li kellha l-Prosekuzzjoni li kienet tipponta fid-direzzjoni tagħha, allura fil-fehma tagħha l-Ewwel Qorti kellha timxi b'ċirkospezzjoni kbira meta tigi biex

tevalwa dak dikjarat minnhom. Sussidjarjament tilmenta l-appellanti, illi lanqas ma tirrizulta l-htija ghal ħames imputazzjoni billi tonqos il-prova illi r-reat li dwaru hi ġiet misjuba ħatja ġie kommess fil-perijodu ta' liberta' kondizzjonata, li kien perijodu qasir ta' xahar. Ix-xhieda li iddeponew ma jindikawx żmien meta allegatament kienu qed iseħħu l-atti inkriminatorji u dan meta jindikaw terminu approssimattiv tal-eżekużżjoni tar-reat. Finalment l-appellanti titlob ukoll ir-reviżjoni tal-piena mposta fuqha peress illi, fil-fehma tagħha, din mhijiex waħda idoneja tenut kont tal-fedina penali kważi nadifa taghha u taċ-ċirkostanzi ohra personali.

Issa gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li jikkonvinċu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tiġi kkrejata inġustizzja.

Illi ghal dan il-għan il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti probatorji minn fejn jemerġi illi l-proċeduri penali in dizamina raw il-bidu tagħhom meta nhar l-24 ta' Novembru 2006, l-pulizija rċevew rapport dwar irregolaritajiet li kienu qed iseħħu fit-testijiet tal-VRT li kienu qed isiru fuq xi vetturi. Fil-fatt fl-14 ta' Novembru 2006, ċertu Carmelo Manġion kien irrapporta mal-Awtorita' dwar it-Trasport illi l-vettura tiegħu tal-għamla Mazda 626 bin-numru ta' reġistrazzjoni GAJ078 qatt ma ġiet eżaminata bil-għan li tiġi ċċertifikata ghal skopijiet ta' VRT. Hu saħaq illi kien ħallas Lm20 lil ċertu Louis Bonello mill-Marsa li minn naħa tiegħu kien għaddielu ċ-ċertifikat li fih kien hemm iddikjarat li l-vettura tiegħu kienet għaddiet mill-eżami tal-VRT mingħajr ma kien sar it-test fuqha. Minn hawn skattat investigazzjoni mill-pulizija u meta ġie mitkellem Mangion hu ikkonferma li kien akkwista ċ-ċertifikat bl-għajnuna ta' Louis Bonello. Bonello wkoll ikkonferma mal-pulizija dak allegat minn Mangion, li stqarr li kien ilu xi erba' snin jakkwista ċ-ċertifikati tal-VRT b'dan il-mod u li miegħu jgħinu kien hemm ċertu Frankie Gambin li kien iġib iċ-ċertifikati hu. Dan Bonello kkalkula li kienu jinħarġu madwar ħmistax-il ċertifikat fix-xahar u kien iżomm Lm5 *commission* għal

kull wieħed li kien jinħareġ. Meta l-pulizija tkellmu ma' Gambin, hu nnega l-involviment tiegħu.

Sussegwentement il-pulizija nterrogaw diversi persuni li kienu sidien tal-*log books* li nstabu fil-pussess ta' Bonello, fosthom ċertu Joseph Bugeja li filfatt ikkonferma li hu qatt ma tella' l-vettura tiegħu AAC776 għat-test u dejjem akkwista ċ-ċertifikazzjoni ċiononostante. L-istess jikkonfermaw Carol Camilleri u Osama Mohammed Ben Milud li jistqarru l-istess dwar il-vettura tagħhom Land Rover LAW657. Dan iċ-ċertifikat falz jidher li kien inħareġ mill-garaxx bl-isem Motor Test Services Ltd u dan bl-għajnuna ta' ċertu Bartolomeo Agius li kien ipprovdilhom dan iċ-ċertifikat. Agius ukoll ġie mitkellem mill-pulizija fejn ammetta dak li kien seħħ u minn naha tiegħu ndika lil ċertu Joseph Camilleri li madankollu meta dan ta'l-aħħar ġie interrogat huwa nnega l-involviment tiegħu. Illi ghalkemm dan l-aħħar ċertifikat kien jidher li nħareġ minn ċertu Andrew Spiteri li kien jaħdem part-time mal-Motor Test Services Ltd, meta dan ġie mitkellem mill-pulizija ssostna li l-firma li kien hemm fuq iċ-ċertifikat ma kenitx tiegħu.

Minn stħarriġ ulterjuri li sar irriżulta illi fil-garaxx tal-Motor Services kienu mpjegati tlieta minn nies u ċioe' ċertu Mario Demanuele, Anthony Mark Micallef u Melvin Zammit. Demanuele kien fil-fatt ammetta li kien hu li ffalsifika l-firma ta' Spiteri fuq iċ-ċertifikat tal-VRT tal-Landrover. Demanuele qal ukoll li dan ma kienx każ iżolat u ġieli kienu jinħarġu dawn iċ-ċertifikati abbużivament. Żied igħid ukoll li dan kien isir dejjem fuq struzzjoni tal-appellanti li kienet il-prinċipal tieghu w direttriċi tas-soċjeta Motor Test Services Ltd.. L-istess kkonfermaw u ammettew Micallef u Zammit li wkoll saħqu illi l-appellanti kienet ippruvat tikkonvinċi lil Demanuele sabiex jieħu t-tort ghal din il-vjolazzjoni tal-liġi, filwaqt li hi minn naħa tagħha kienet lesta li tkoprielu l-ispejjez tal-avukat u tal-Qrati. Madankollu meta l-appellanti ġiet mitkellma hi ċaħdet l-involviment tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalhekk, kif tajjeb tissottolinja l-appellanti fl-ewwel aggravju minnha ntentat, is-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti hija msejsa unikament fuq ix-

xiehda tal-impjegati tagħha li jippuntaw subgħajhom fid-direzzjoni tagħha. Huwa dan l-ilment ewlieni tagħha, ghaliex tisħaq illi dawn il-provi kienu wisq fjakki u ma jilhqux il-livell ta' prova mistenni mill-Prosekuzzjoni. Dan tenut kont tal-fatt illi dawn ix-xhieda kellhom jitqiesu mill-Ewwel Qorti bhala kompliċi fil-kummissjoni tar-reati lilha addebitati u kwindi ghandha tapplika r-regola mfassla mill-leġislatur fl-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali illi jiddisponi:

**(3) Meta <u>l-uniku xhud</u>[1] kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.**

Illi din id-disposizzjoni tal-ligi neċessarjament timxi id f'id ma' dak imfassal fl-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali li jaghtu direzzjoni lil min hu msejjaħ biex jiġġudika dwar kif ghandu jiġi mwiezen il-kredibbilita' ta' xhud. Issa ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti tbiegħdet mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli proċedurali meta ġiet biex tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi. Illi fuq kollox minn eżami ta'l-atti ma jidhirx illi hemm provi li b'xi mod ixejjnu dak mistqarr minn dawn it-tlett impjegati ta'l-appellanti li huma konsoni fix-xiehda tagħhom meta jindikaw illi l-appellanti kienet tagħtihom istruzzjonijiet dwar kif kellhom jimxu. Ma jidhirx lanqas illi dawn it-tlieta minn nies kellhom xi motiv sabiex jixħtu il-ħtija fuq l-appellanti meta dawn kienu ghadhom impjegati magħha u wkoll meta l-proceduri penali stitwiti kontra tagħhom kienu mitmuma u dan wara ammissjoni minnhom rreġistrata quddiem il-qorti dwar l-involviment tagħhom fil-kummissjoni ta' dawn il-fatti inkriminanti.

Illi allura dak mistqarr mill-appellanti f'dan l-aggravju, u ċioe' illi dawn it-tlett kompliċi kellhom xi interess jixħtu l-ħtija fuqha u dan ghal motivi kollha minnha ndikati, f'dan il-każ, din il-linja difensjonali qatt ma tista' treġi. Jibda biex jinghad illi it-tlett kompliċi Zammit, Micallef u Demanuele ammettew l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u gew issentenzjati fil-25 ta' Gunju 2008. Illi Melvin Zammit u Anthony Mark

[1] Emfażi ta' din il-Qorti.

Micallef iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2009. Mario Demanuele xehed imbaghad fid-09 ta' Lulju 2010 biex b'hekk meta dawn it-tlieta minn nies implikaw lill-appellanti, il-proceduri penali fil-konfront tagħhom kienu ilhom li gew konklużi. Mhux biss, iżda ghalkemm l-appellanti tipprova ixxejjen id-deposizzjoni ta' dawn it-tlett impjegati tagħha billi tirreferi ghal preċedenti penali tagħhom, madanakollu, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti filwaqt li Demanuele kellu fedina penali netta, l-appellanti madanakollu ma ddejjqet xejn terga' timpjega lil dawn it-tlieta minn nies fin-negozju minnha ġestit ghalkemm dawn iddeponew kontra tagħha fil-qorti u ghalkemm dawn kellhom kundanni penali. Illi ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti meta wasslet biex tagħti affidament lix-xiehda ta' dawn it-tlieta minn nies, fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi, imxiet b'mod leġġer u ma qiestix il-provi kollha li kien hemm fl-atti. Fil-fatt is-sentenza motivata u studjata moghtija mill-Ewwel Qorti taghmel ezami approfondit tal-provi kollha li kien hemm fl-atti u ta' kull dettall u dan sabiex tissostanzja il-konvinciment morali taghha dwar il-veracita' tal-fatti li kienu qed jigu esposti mill-komplici.

Dan ghaliex:

> **"Din hija xhieda permessa bil-ligi, u sta ghall-Qorti li qed tisma' l-kaz li tqis din ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz li tkun qed tittratta. Din il-Qorti ma tarax li, bil-fatt biss, li xhieda ta' komplici hija permessa qed jinkiser id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq. Komplici hija persuna li tista' titressaq bhala xhud bhal kull persuna ohra, basta, ovvjament, li l-akkuzat ikollu l-istess possibilita' ta' kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif ghandu f'kaz ta' kwalunkwe xhud iehor. Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta' komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ix-xhieda b'certa kawtela .... Ma jistax, pero', jinghad li xhieda ta' komplici hija, a priori, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li, minhabba l-istat taghha ta' komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f'hekk. Il-principju ta' "equality of arms", ma jkunx gie mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta' kull xhud iehor. Il-kaz li x-xhieda ta' komplici tista' tkun "tainted" minhabba varji cirkostanzi, tista' tinghad fil-konfront ta' kull xhud, u l-Qorti li quddiemha jkun ghaddej il-kaz, hija zgur kompetenti biex tevalwa**

**x-xhieda, tqis l-affidabilita' tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-ohra tal-kaz[2].”**

Illi minn dak mistqarr minn dawn it-tlett xhieda li *del resto* jikkoroborraw lil xulxin, il-moħħ wara l-kummissjoni tar-reat mertu ta' dawn il-proceduri kienet l-appellanti. Illi mhux biss, iżda huwa inverosimili illi l-appellanti li kienet id-direttrici tas-soċjeta minnha ġestita u li jidher kienet tmexxi n-negozju tagħha b'mod attiv, ma indunatx li ghal diversi snin u b'ċertu regolarita' kien qed isir abbuż fil-garaxx tagħha. Il-Qorti qajla tista' temmen lill-appellanti allura meta, ghalkemm ma toffriex id-deposizzjoni tagħha, madanakollu tikkontendi illi hija kienet injara ta' dak kollu li kien qed jigri taħt imnieħriha. Illi allura ghal dawn il-motivi, l-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' jgiegħlha titbiegħed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti meta din sabet lill-appellanti ħatja tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tagħha.

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju konċernanti l-ħames imputazzjoni, anki dan l-aggravju ma jimmeritax akkoljiment. Jingħad illi min qari tal-akkuża jidher illi l-appellanti ġiet misjuba ħatja li kkomettiet ir-reat fiż-żmien indikat bhala Jannar tas-sena 2007 u fis-snin ta' qabel, fejn hija ġiet misjuba hatja ukoll bil-kontinwita' tar-reat fit-termini ta'l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kien jirreferi ghal perijodu tal-5 ta' Ġunju 2006 u x-xahar sussegwenti biex b'hekk is-sejbien ta' ħtija ghar-raba' imputazzjoni ċertament kien ikopri dan il-perijodu ta' żmien. Dan jirriżulta wkoll fid-dawl tad-deposizzjonijiet tal-impjegati tal-appellanti li kollha kemm huma jikkonfermaw illi kienu ilhom jaħdmu fil-garaxx proprjetà ta'l-appellanti għal diversi snin qabel u li l-ħruġ taċ-ċertifikati tal-VRT kontra l-Liġi nbeda ftit

[2] Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonal) – Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri deciza 25/05/2012 (ref.66/2011)

xhur wara li beda l-impjieg tagħhom. Dan ġie wkoll ikkoroborat mid-dokumenti li ġew eżebiti mir-rappreżentanti tal-ETC li xehdu dwar 'l-*employment history*' ta' dawn ix-xhieda. Mhux biss, iżda dawn it-tlett mpjegati xehdu illi kienu jinħarġu diversi ċertifikati prattikament kull ġimgħa fuq medda ta' diversi snin, fejn ghalkemm ma jindikawx bil-preċiż, ġimgħa b'ġimgħa kemm kienu jinħarġu ċertifikati foloz, madanakollu bil-mod kif inhi imfassla l-akkuza magħduda mal-konferma illi l-abbuz kien ghal diversi snin isir b'mod regolari u mhux interrott, allura il-ksur tal-perijodu ta' liberta' kondizzjonata tirriżulta ppruvata.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar aggravju imressaq mill-appellanti li jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti li ghalkemm applikat d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tagħha fejn ġiet imposta piena alternattiva ghal dik tal-priġunerija, madanakollu xortawahda tilmenta illi din il-piena kienet wahda eċċessiva. Illi jibda biex jingħad illi huwa indubitat illi ġiet applikata l-klemenza fil-konfront ta'l-appellanti. In oltre l-Ewwel Qorti ġustament qieset ukoll il-gravita' taċ-ċirkostanzi tal-każ konsiderando l-periklu li seta' jiġi kkaġunat fl-eventwalita' li jinqalgħu inċidenti stradali minħabba l-użu ta' vetturi li mhumiex aktar xierqa li jinstaqu fit-toroq. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti ħolqot bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv fiċ-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn kif stqarret tajjeb fid-deċizjoni tagħha, hija kellha idejha marbuta fir-rigward ta' natura u l-kwalita' tal-piena li kellha tiġi erogata. Kwindi il-piena imposta fuq l-appellanti ma ghandhiex tiġi ddisturbata.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Edwina Grima

Imhallef